

Fil-każ li l-ewwel sentenza tat-tieni subparagraphu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 2988/95 tkun applikabbi (l-ewwel domanda), ma hemmx lok li tingħata risposta għad-domandi l-oħra; jekk din id-dispożizzjoni ma hijiex applikabbi, għandu jitqies, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, li t-tielet domanda hija bla skop.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2419/2001 tal-11 ta' Diċembru 2001 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-amministrazzjoni integrata u s-sistema ta' kontroll għal ċerti skemi ta' għajnejn tal-Komunità permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3508/92 (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 34, p. 308).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE, EURATOM) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 340).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-juge d'instruction du tribunal de grande instance de Paris (Franza) fit-13 ta' Ġunju 2018 – Proċeduri kriminali kontra YA u AIRBNB Ireland UC – partijiet oħra: Hotelière Turenne SAS, Pour un hébergement et un tourisme professionnel (AHTOP), Valhotel**

**(Kawża C-390/18)**

(2018/C 301/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Juge d'instruction du tribunal de grande instance de Paris

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

YA u AIRBNB Ireland UC

Partijiet oħra: Hotelière Turenne SAS, Pour un hébergement et un tourisme professionnel (AHTOP), Valhotel

**Domandi preliminari**

1) Is-servizzi pprovduti fi Franza mill-kumpannija *AirBnb Ireland UC* permezz ta' pjattaforma elettronika ġestita fl-Irlanda jibbenefikaw mil-libertà li jiġu pprovduti servizzi prevista permezz tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000<sup>(1)</sup>?

2) Ir-regoli restrittivi li jirrigwardaw l-eżerċizzju tal-professjoni ta' aġġent tal-proprijetà immobblu fi Franza, sanċiti fil-Liġi Nru 70-9 tat-2 ta' Jannar 1970 dwar l-intermedjarji fil-qasam ta' tranżazzjonijiet ta' proprijetà immobblu, imsejħa l-Liġi Hoguet, huma applikabbi fil-konfront tal-kumpannija *AirBnb Ireland UC*?

<sup>(1)</sup> Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjal bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399)

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Corte di appello di Napoli (l-Italja) fl-14 ta' Ġunju 2018 – I.G.I. Srl vs Maria Grazia Cicenia et**

**(Kawża C-394/18)**

(2018/C 301/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Corte di appello di Napoli